AVVIŻ TA' POŻIZZJONI VAKANTI GĦAT-TFASSIL TA' LISTA TA' RIŻERVA

Titolu tal-impjieg	**Uffiċjal tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni - Speċjalist fil-komunikazzjoni**
Grupp ta' funzjonijiet/grad	AD 5
Tip ta' kuntratt	Aġent Temporanju - Amministratur
Referenza	FRA-TA-COMOFF-AD5-2022
Data ta' skaxenza għall-applikazzjonijiet	**01/04/2022 13:00**
Post tal-impjieg	Vjenna, L-AWSTRIJA

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) qed torganizza proċedura tal-għażla għat-tfassil ta' lista ta' riżerva li minnha għandha timtela l-pożizzjoni vakanti ta' Aġent Temporanju - Amministratur (f/m/d) Uffiċjal tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni - Speċjalist fil-komunikazzjoni (grupp ta' funzjonijiet ta' AD, grad 5) fl-unità tal-Komunikazzjoni u l-Avvenimenti.

Jekk għandek għal qalbek il-komunikazzjoni u tinteressa ruħek fl-iżvilupp ta' messaġġi xprunati mill-valur dwar id-drittijiet fundamentali u fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti, fil-FRA se jkollok l-opportunità li tagħmel differenza f'ambjent professjonali dinamiku.

1 SFOND

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tipprovdi pariri indipendenti u bbażati fuq l-evidenza lil dawk li jfasslu l-politiki, biex tgħin sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali fl-UE, għal kulħadd. Għal dan il-għan, l-Aġenzija tiġbor u tanalizza informazzjoni u *data* dwar firxa ta' kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali, tipprovdi assistenza u għarfien espert lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri, tqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet, tikkomunika s-sejbiet tagħha, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni u r-rabtiet bejn l-atturi tad-drittijiet fundamentali.

<u>L-Unità tal-Komunikazzjoni u l-Avvenimenti</u>

L-unità tal-Komunikazzjoni u l-Avvenimenti hija responsabbli mit-trawwim ta' narrattivi ġodda dwar id-drittijiet fundamentali. Din tiżviluppa attivitajiet effettivi ta' kommunikazzjoni li jikkombinaw messaġġi xprunati mill-valur dwar il-prinċipji tad-drittijiet fundamentali ma' argumenti dwar ir-rilevanza tagħhom. L-unità tiżgura li l-attivitajiet u l-outputs tal-FRA jiġu kkomunikati b'mod effettiv permezz tal-media online u dik stampata, u avvenimenti lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, atturi ewlenin oħra fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll lill-media u lill-pubbliku inġenerali.

2 DMIRIJIET

L-Uffiċjal tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni se jaħdem fl-unità tal-Komunikazzjoni u l-Avvenimenti taħt is-superviżjoni tal-Kap tal-Unità. Ir-rwol tal-Uffiċjal tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni jeħtieġ livell għoli ta' kollaborazzjoni u ħidma konġunta fi ħdan l-unità u bejn it-timijiet fil-FRA kollha.

Il-kandidat magħżul se jkun mistenni jwettaq il-kompiti li ġejjin:

- jiżviluppa u jimplimenta l-prijoritajiet ta' komunikazzjoni għall-Aġenzija, f'konformità mad-Dokument ta' Programmazzjoni Annwali u mal-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija;
- jikkomunika b'mod effettiv ir-riżultati tal-ħidma diversa tal-FRA lil varjetà ta' udjenzi (inklużi dawk li jfasslu l-politika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab internazzjonali, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra), filwaqt li jiżgura li l-komunikazzjoni tkun imfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-partijiet ikkonċernati - inklużi organizzazzjonijiet mhux ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali;
- jiżviluppa u jimplimenta avvenimenti b'mod fiżiku, virtwali kif ukoll ibridu, inkluż il-Forum dwar id-Drittijiet Fundamentali perjodiku tal-FRA, mill-istadju tal-ippjanar, sas-sorveljanza tat-tmexxija tal-avveniment u t-twettiq tal-evalwazzjoni ta' wara l-avveniment;
- jippjana, jikkoordina u jimplimenta l-attivitajiet tal-FRA mal-presidenzi tal-UE fil-qafas tal-istrategija tal-programm ta' ħidma pluriennali tagħha;
- jiżgura li s-sejbiet tal-Aġenzija jiġu kkomunikati b'mod effettiv permezz ta' mezzi tax-xandir differenti (tradizzjonali, web, media soċjali), filwaqt li jsaħħaħ l-impatt tal-Aġenzija fuq il-media;
- jabbozza kontenut innovattiv u aċċessibbli għall-mezzi ta' komunikazzjoni differenti tal-FRA, inklużi s-sit web, il-media soċjali, u l-iskripts tal-vidjo tagħha;
- jiżviluppa u jżomm relazzjonijiet ta' komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet ta' komunikazzjoni konġunti, mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-aġenziji tal-UE, u mal-partijiet ikkonċernati internazzjonali, reġjonali u nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet sħab;
- ġestjoni tal-proġetti - inklużi l-aspetti kollha tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-sorveljanza - għal attivitajiet speċifiċi mwettqa mill-unità, u s-sħubija fit-tim ta' proġetti oħra;
- jissorvelja l-akkwist relatat, il-proċeduri finanzjarji u l-kuntratti relatati f'konformità mar-regolamenti tal-UE, kif ukoll jippjana, jimmonitorja u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-allokazzjoni baġitarja annwali tal-FRA għall-oqsma ta' responsabbiltà relatati ma' din il-pożizzjoni.

Dmirijiet applikabbli għall-persunal kollu:

- Jaħdem b'mod attiv lejn il-kisba tal-għanijiet tal-FRA f'konformità mal-Pjan Strateġiku tal-Aġenzija;
- kwalunkwe dmir u responsabbiltà oħra relatati max-xogħol li jistgħu jiġu assenjati mill-Kap tal-Unità.

3 KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu ammissibbli għal din l-għażla, il-kandidati jeħtiġilhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin sa mhux aktar tard mid-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

Kundizzjonijiet ġenerali[1]

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini[2] ;
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari;
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru dwar l-adegwatezza għat-twettiq tad-dmirijiet involuti;
- Ikunu fiżikament kapaċi jwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga[3].

Edukazzjoni

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni, li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas erba' snin attestati b'diploma f'qasam relatat mal-pożizzjoni reklamata.[4]

JEW

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni, li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-anqas tliet snin attestati b'diploma f'qasam relatat mal-pożizzjoni reklamata u esperjenza professjonali ta' mill-anqas sena.

Esperjenza professjonali

- Minbarra dan ta' hawn fuq, ikollhom minimu ta' 3 snin esperjenza professjonali full-time fil-qasam tal-kommunikazzjoni, wara li jkunu kisbu l-grad rilevanti u qabel id-data ta' għeluq tal-avviż preżenti ta' pożizzjoni vakanti.[5]

Ħiliet lingwistiċi

- Ikollhom għarfien profond tal-Ingliż (livell C1); u
- Ikollhom għarfien tajjeb ta' lingwa oħra tal-UE (livell minimu B2).

Il-livelli indikati jikkorrispondu mal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi[6].

Ħiliet tal-kompjuter

[1] Ara l-Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

[2] Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula ser jintalbu jipproduċu dokument uffiċjali li juri li ma jkollhom l-ebda rekord kriminali.

[3] Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula sejrin jintalbu jagħmlu eżami mediku biex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

[4] Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija. F'każ li jkun inħareġ ċertifikat ta' ekwivalenza, dan ukoll irid ikun sar sad-data ta' skadenza għall-applikazzjoni.

[5] L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data ta' meta tinkiseb id-diploma. Fil-każ li jkollhom livell ta' studji universitarji konklużi attestati b'diploma ta' mill-anqas tliet snin, l-esperjenza professjonali ta' sena meħtieġa għall-eliġibbiltà tal-pożizzjoni ma tistax tiġi inkluża fit-3 snin ta' esperjenza professjonali full-time mitluba għal din il-pożizzjoni. F'dan il-każ huwa meħtieġ total ta' 3 snin +sena 1 ta' esperjenza professjonali full-time.

[6] Ara https://europass.cedefop.europa.eu/sites/default/files/cefr-en.pdf

- Il-kandidati għandu jkollhom esperjenza prattika estensiva fl-applikazzjonijiet tal-kompjuter bħall-pakkett tal-MS Office jew simili (prinċipalment Word, Excel, PowerPoint, Outlook), għodod ta' komunikazzjoni kreattivi.

4 KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Sabiex jintgħażlu l-aħjar kandidati kwalifikati għall-intervista u l-fażi possibbli tat-test, l-Aġenzija se tqis il-kriterji **essenzjali** li ġejjin:

- L-esperjenza fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji u kampanji ta' komunikazzjoni
- Il-fehim ta' tekniki, teknoloġiji u mezzi differenti ta' komunikazzjoni, inklużi pjattaformi tal-media soċjali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-media soċjali, u kif jintużaw biex jimmiraw varjetà ta' udjenzi
- Il-kapaċità li jinstabu stejjer rilevanti fid-*data*, fir-rapporti kumplessi u fl-istudji dwar id-drittijiet tal-bniedem jew suġġetti relatati, u li dawn jiġu adattati f'lingwaġġ konċiż u aċċessibbli bl-Ingliż f'formati differenti għall-mezzi ta' komunikazzjoni differenti
- Esperjenza ta' xogħol ippruvata fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' avvenimenti b'mod fiżiku, virtwali kif ukoll ibridu, inklużi avvenimenti ewlenin
- Esperjenza ppruvata fil-ġestjoni tal-proġetti fil-qasam tal-komunikazzjoni

Il-kriterji li ġejjin se jitqiesu bħala **vantaġġużi**:

- Għarfien tal-politiki rilevanti dwar id-drittijiet fundamentali tal-UE
- Ċertifikat fil-ġestjoni tal-proġetti (eż. ċertifikat EU PM^2, PRINCE 2, PMP)
- Esperjenza ta' xogħol f'istituzzjoni/korp tal-UE, inklużi l-ġestjoni u l-offerti ta' kuntratti

Minbarra l-kriterji **essenzjali u vantaġġużi**, il-kandidati mistiedna għall-intervista u għall-fażi tat-test se jiġu vvalutati wkoll skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

- **Komunikazzjoni**: jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż kemm bil-kliem kif ukoll bil-kitba;
- **Analiżi u Solvien tal-problemi**: il-kapaċità li jidentifikaw il-fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi;
- **adattabilità:** il-kapaċità li wieħed ibiddel l-azzjonijiet, il-kors jew l-approċċ ta' kif jagħmel l-affarijiet biex ikunu adattati għal sitwazzjoni ġdida, u l-akkumulazzjoni rapida ta' ħiliet ġodda u l-prova ta' mġiba adattiva b'reazzjoni għal ċirkostanzi li jinbidlu;
- **Ħidma mal-Oħrajn**: jaħdmu b'mod kooperattiv ma' oħrajn f'timijiet u bejn konfini organizzazzjonali u jirrispettaw id-differenzi bejn in-nies; joħolqu sens ta' spirtu ta' tim billi jħeġġu miri kondiviżi u skambju ta' għarfien u esperjenza;
- **Tagħlim u Żvilupp**: jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet personali u l-għarfien tal-organizzazzjoni u tal-ambjent tagħha; jimpenjaw ruħhom li jħarrġu lil persuni oħrajn, jikkondividu l-għarfien u jtejbu b'mod sistematiku l-metodi ta' ħidma;
- **Prijoritizzazzjoni u Organizzazzjoni**: l-abbiltà li jipprijoritizzaw il-kompiti l-aktar importanti, jaħdmu b'mod flessibbli u jorganizzaw l-ammont ta' xogħol tagħhom stess u tal-oħrajn b'mod effiċjenti;
- **Kwalità u Riżultati**: jieħdu responsabbiltà u inizjattiva personali biex jipprovdu xogħol ta' standard ta' kwalità għolja skont proċeduri stabbiliti; juru orjentazzjoni ċara lejn il-konsumatur (interna u esterna); jibnu proċessi sistematiċi u metodiċi fil-proġetti u fil-ħidma tagħhom u tat-tim tagħhom stess;

- **Reżiljenza**: jibqgħu effettivi taħt il-pressjoni tax-xogħol, ikunu flessibbli u jadattaw għal ambjent tax-xogħol li dejjem jinbidel; iħeġġu lill-oħrajn sabiex jagħmlu l-istess u jaġġustaw l-approċċ personali tagħhom stess u tat-tim sabiex iħaddnu ċ-ċirkostanzi li dejjem jinbidlu.

5 SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET U D-DATA TA' SKADENZA

Il-kandidati huma mitluba jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom b'mod elettroniku permezz tas-sit web tal-Aġenzija: www.fra.europa.eu. **Se jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet online.**

Applikazzjoni titqies ammissibbli biss jekk tinkludi:

- CV f'format tal-Europass **(formati oħrajn mhumiex se jiġu kkunsidrati);**
- ittra ta' motivazzjoni (preferibbilment mhux itwal minn paġna);
- applikazzjoni elettronika kompluta (li tinkludi l-grilja tal-eliġibbiltà u tal-għażla).

Informazzjoni rigward l-istatus tal-proċedura tal-għażla tista' tinstab fl-indirizz li ġej: http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies .

F'każ li tesperjenza problemi tekniċi matul l-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja, fi ħdan l-iskadenza msemmija hawn fuq, l-indirizz tal-email t'hawn taħt billi tipprovdi spjegazzjoni tal-kwistjoni: recruitment@fra.europa.eu.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu mhux aktar tard mill- **01/04/2022** fis-13:00 (Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET)).

Jekk jogħġbok kun af li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nirċievu, is-sistema tista' ġġarrab problemi fl-ipproċessar ta' dawk l-ammonti ta' *data* meta tkun riesqa l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. Għaldaqstant, nirrakkomandawlek tapplika ferm qabel l-iskadenza.

6 OPPORTUNITAJIET INDAQS

L-FRA tħeġġeġ lil kull persuna li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità u li tkun interessata fil-pożizzjoni biex tapplika. L-FRA hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u tiżgura li l-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha ma jiddiskriminawx fuq l-ebda bażi bħal sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età, identità tal-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali.

Il-FRA tħeġġeġ lil kandidati b'diżabilità biex japplikaw. Jekk inti tqis li għandek diżabilità fiżika, mentali, intellettwali jew sensorja, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa xierqa fuq l-applikazzjoni online u indika kwalunkwe aġġustament jew arranġament, relatat mad-diżabilità tiegħek, sabiex il-FRA tkun tista' tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tiegħek fl-intervista.

7 PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Kumitat tal-Għażla huwa nominat mill-Awtorità tal-Ħatra tal-Aġenzija.

L-eliġibbiltà tal-kandidati se tiġi vvalutata skont il-konformità mar-rekwiżiti formali kollha sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (jekk jogħġbok ara l-punt 3 Kriterji ta' eliġibbiltà). L-applikazzjonijiet tal-kandidati eliġibbli biss se jiġu evalwati f'konformità mal-kriterji tal-għażla kif speċifikat fl-avviż tal-pubblikazzjoni (ara l-punt 4 Kriterji tal-Għażla). **L-Aġenzija se tistieden għal intervista l-aqwa 8 kandidati fost dawk li mill-inqas kisbu 60%.**

Il-proċedura tal-għażla se tkun magħmula minn intervista u parti bil-miktub. Iż-żewġ partijiet se jsiru bl-Ingliż. Din se ssir fi Vjenna (l-Awstrija), fejn l-Aġenzija għandha s-sede tagħha u fejn huwa l-post tal-impjieg. F'każ li s-sitwazzjoni tal-COVID-19 ma tippermettix li l-kandidati jkollhom l-eżamijiet bil-miktub u orali tagħhom fil-bini tal-FRA, il-kandidati kollha li jintgħażlu se jiġu mistiedna għal testijiet bil-miktub u orali online. Il-kandidati magħżula se jirċievu aktar informazzjoni dettaljata fi żmien xieraq.

Il-kandidati mistiedna għal intervista se jintalbu jissottomettu, sad-data tal-intervista, kopja mhux iċċertifikata tad-diploma/diplomi tagħhom u evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom, li tindika b'mod ċar it-tul u n-natura tal-esperjenza tagħhom u jekk ix-xogħol kienx full time jew part time. Qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, il-kandidat/i magħżul/a se jintalbu jipprovdu lil FRA kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà.

Il-kandidati magħżula se jiġu inklużi f'lista ta' riżerva mfassla mill-Kumitat tal-Għażla. Din il-lista ta' riżerva se tiġi proposta lill-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA. L-Awtorità tal-Ħatra se tiddeċiedi dwar l-istabbiliment fuq il-lista ta' riżerva. Din il-lista ta' riżerva se tkun valida mid-data tal-istabbiliment tagħha (fis-sena "N") sal-31 ta' Diċembru tas-sena "N + 1". Il-validità tagħha tista' tiġi estiża. Kull kandidat se jiġi infurmat b'ittra jekk ikunx tpoġġa fil-lista ta' riżerva. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-inklużjoni fuq il-lista ta' riżerva ma tiggarantixxix ir-reklutaġġ.

Il-lista ta' riżerva tista' tintuża għal reklutaġġ futur. Ir-reklutaġġ għal pożizzjonijiet vakanti se jkun ibbażat fuq id-disponibbiltà tal-karigi u l-baġit u normalment jistgħu jsiru intervisti ta' segwitu mal-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA biex jiġi deċiż ir-reklutaġġ għal pożizzjoni vakanti. Abbażi ta' dan, l-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA tista' toffri kuntratt ta' impjieg.

Jekk jogħġbok kun af li l-ħidma tal-Kumitat tal-Għażla u d-deliberazzjonijiet huma strettament kunfidenzjali u li kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu huwa strettament ipprojbit.

Minħabba l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet, **l-Aġenzija b'dispjaċir tinforma li l-kandidati magħżula għall-intervisti biss se jiġu kkuntattjati.** L-applikanti huma mistiedna jsegwu l-proċess tar-reklutaġġ fuq is-sit web tal-FRA.

8 INGAĠĠ U KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG

Se jiġi offrut kuntratt ta' aġent temporanju f'konformità mal-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea għal perjodu indefinit.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat fil-grad AD 5. Bħalissa, s-salarju bażiku fix-xahar għall-grad AD 5 (Pass 1) huwa ta' EUR 5 010.72. Minbarra s-salarju bażiku, **il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji, b'mod partikolari benefiċċju tal-unità domestika, benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16 % tas-salarju bażiku u benefiċċju tal-unità domestika), benefiċċju tal-wild dipendenti u benefiċċju tal-edukazzjoni**. Is-salarju huwa soġġett għal taxxa tal-Unjoni mnaqqsa fis-sors u huwa eżentat mit-tassazzjoni nazzjonali.

Il-FRA toffri wkoll pakkett ta' benefiċċji soċjali komprensiv, inkluża skema tal-pensjoni, kopertura tal-assigurazzjoni medika, kontra l-aċċidenti u l-mard okkupazzjonali, benefiċċju tal-qgħad u l-invalidità u assigurazzjoni tal-ivvjaġġar.

Barra minn hekk, il-FRA toffri opportunitajiet differenti ta' **servizzi ta' tagħlim** permezz ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz ma' skejjel internazzjonali u stabbilimenti tal-preprimarja u introduċiet politiki dwar it-**telexogħol u l-ħin flessibbli** fl-isforzi tagħha biex tirrikonċilja x-xogħol u l-ħajja privata.

F'ċerti ċirkostanzi, fejn il-membri tal-persunal huma obbligati jbiddlu l-post tar-residenza tagħhom sabiex jibdew l-impjieg, l-Aġenzija tista' wkoll tirrimborża diversi spejjeż imġarrba fir-reklutaġġ, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-ġarr.

Informazzjoni addizzjonali rigward it-tip ta' kuntratti tista' tinkiseb mis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea fl-indirizz li ġej: https://ec.europa.eu/info/jobs-european-commission_mt.
Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

EUR-Lex - 01962R0031-20140501 - MT- EUR-Lex (europa.eu)

9 PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-proċedura tal-għażla.

Jekk jogħġbok kun af li l-FRA mhijiex se trodd lura l-applikazzjonijiet lill-kandidati. L-informazzjoni personali mitluba mill-FRA mill-applikanti se tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

Jekk il-kandidat ikollu xi mistoqsija dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, għandu jindirizzaha lil: recruitment@fra.europa.eu .

Għal aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-*data* personali, jekk jogħġbok ara d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza tal-FRA.

10 PROĊEDURI TA' APPELL

Jekk kandidat iqis li jkun ġie affettwat ħażin minn deċiżjoni partikolari, huwa jista' jressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, fuq l-indirizz li ġej:

The Director
European Union Agency for Fundamental Rights
Schwarzenbergplatz 11
A-1040 Vienna
Austria

L-ilment għandu jitressaq fi żmien 3 xhur. Il-limitu taż-żmien għall-bidu ta' din it-tip ta' proċedura jibda minn meta tiġi ppubblikata t-tlestija tal-proċedura tal-għażla fuq is-Sit web fil-link li ġejja: http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies.

Jekk l-ilment jiġi rrifjutat, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, kandidat jista' jitlob rimedju ġudizzjarju tal-att. L-appell għandu jitressaq fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika fl-indirizz li ġej:

Court of Justice of the European Union
Rue du Fort Niedergrünewald
L-2925 Luxembourg
Luxembourg

Barra minn hekk, għandek il-possibbiltà li tressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-istatut tal-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Ombudsman. Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jaċċetta lment, huwa meħtieġ li l-ilment l-ewwel jiġi indirizzat lill-Aġenzija. Kwalunkwe lment lill-Ombudsman(http://www.ombudsman.europa.eu) għandu jsir fi żmien sentejn minn meta tasal il-pożizzjoni finali tal-Aġenzija dwar il-kwistjoni.